Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 28 ta' Mejju 2020**
**(OR. en)**

**8394/20**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0206(COD)**

**FSTR 73**
**SOC 343**
**SAN 177**
**CADREFIN 101**
**CODEC 425**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 28 ta' Mejju 2020 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2020) 447 final |
| Suġġett: | Proposta emendata għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 447 final.

---

Mehmuż: COM(2020) 447 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.5.2020
COM(2020) 447 final

2018/0206 (COD)

Proposta emendata għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+)**

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1 KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Fit-30 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni adottat il-proposta tagħha għal Regolament dwar il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+)[1]. Minn dak iż-żmien, l-ekonomija Ewropea ffaċċjat xokk simetriku eżoġenu profond u bla preċedent bil-pandemija tal-COVID-19, u dan poġġa pressjoni sejra fuq is-sistemi tal-ekonomija, tas-suq tax-xogħol, soċjali u tas-saħħa tal-Istati Membri. Biex tiffaċċja din l-isfida, l-Unjoni jenħtieġ li tieħu azzjoni xierqa biex tirkupra mix-xokk tas-saħħa, soċjali u ekonomiku kkawżat mill-pandemija tal-COVID-19.

Fis-27 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni adottat proposta riveduta għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss għall-perjodu 2021-2027[2]. Il-proposta tirrifletti r-rispons Ewropew għall-impatt soċjali u ekonomiku tal-pandemija tal-COVID-19.

Kemm l-effetti diretti kif ukoll dawk indiretti tal-pandemija tal-COVID-19 se jkomplu jkollhom impatt sostanzjali u ta' ħsara fuq l-Istati Membri kollha fuq perjodu ta' żmien medju sa twil b'livelli dejjem akbar ta' inugwaljanzi soċjali, faqar u qgħad fost iż-żgħażagħ. Għalhekk il-Kummissjoni tqis li huwa meħtieġ li tiġi emendata l-proposta tal-Fond Soċjali Ewropew Plus sabiex jiġi adattat għall-Pakkett ta' Rkupru l-ġdid filwaqt li jiġu ffaċilitati investimenti strateġiċi fl-impjiegi u fil-politiki u s-sistemi soċjali.

Sabiex dawn l-investimenti jinbidlu f'karatteristiki inklużivi u sostenibbli ta' mudell imsaħħaħ ta' tkabbir u f'konformità mal-impenji tal-Unjoni biex timplimenta l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Ftehim ta' Pariġi, l-emendi għar-Regolament dwar l-FSE+ jiffukaw, f'konformità mal-linji gwida politiċi tal-President von der Leyen, fuq:

- Li jiżdiedu r-rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematika għall-impjiegi taż-żgħażagħ. Kif muri minn reċessjonijiet preċedenti, l-impjiegi taż-żgħażagħ huma aktar sensittivi għaċ-ċiklu kummerċjali mill-impjiegi tal-adulti u r-riċessjoni ekonomika kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 x'aktarx li ġġib lura qgħad fost iż-żgħażagħ u rati ta' NEETs drastikament kbar. Sabiex jiġu appoġġati ulterjorment irkupru ekonomiku inklużiv u t-tranżizzjonijiet mill-iskola għax-xogħol fid-dinja dejjem tinbidel tax-xogħol u biex jiġi żgurat li ż-żgħażagħ jagħmlu l-aħjar użu mill-opportunitajiet li jirriżultaw mit-tranżizzjonijiet diġitali, reżiljenti u ekoloġiċi, l-Istati Membri b'rata ta' NEETs (grupp ta' età 15 – 29) 'il fuq mill-medja tal-UE jenħtieġ li jipprogrammaw mill-inqas 15 % tar-riżorsi tagħhom b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+ għal azzjonijiet immirati u riformi strutturali biex jappoġġaw liż-żgħażagħ (żieda minn 10 %).
- Li jiġi indirizzat il-faqar fost it-tfal: F'loġika ta' rkupru, l-indirizzar tal-faqar fost it-tfal se jsir saħansitra aktar importanti fis-snin li ġejjin sabiex jiġi żgurat li l-ebda tifel jew tifla ma jitħallew lura wara l-kriżi tal-COVID-19. Huwa propost li jiġu inklużi premessa u artikolu li jirrikjedu li l-Istati Membri jenħtieġ li jallokaw mill-inqas 5 % tar-riżorsi b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+ biex jgħinu lit-tfal foqra.
- Li jiġu promossi t-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi f'konformità mal-Istrateġija Industrijali tal-UE[3], li se jirrikjedu ħiliet ġodda għal tipi ġodda ta' impjiegi. Fin-"normalità l-ġdida" wara l-pandemija tal-COVID-19 se jkun hemm bżonn ta' sett ta' ħiliet differenti u se

[1] COM(2018) 382.
[2] COM(2020) 443.
[3] COM(2020) 102.

jitfaċċaw mudelli ekonomiċi u kummerċjali ġodda fl-ekosistemi industrijali Ewropej, inkluż ktajjen tal-valur lokali ġodda, li jenħtieġ li jiġu appoġġati mill-Fond Soċjali Ewropew.

Il-pandemija tal-COVID-19 kellha effett soċjoekonomiku sproporzjonat fuq in-nisa. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-operazzjonijiet isegwu b'mod strett il-prinċipju orizzontali tal-ugwaljanza bejn is-sessi kif stipulat fl-Artikolu 6 tar-Regolament dwar l-FSE+.

Il-Kummissjoni tipproponi wkoll li jiġi stabbilit Programm tas-Saħħa[4] rinforzat aktar li, minħabba d-daqs u l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, jenħtieġ li jkun programm awtonomu. Għalhekk, il-Programm tas-Saħħa ma għadux parti mill-Fond Soċjali Ewropew Plus. Bħala riżultat ta' dan, huwa meħtieġ li tiġi emendata l-proposta għall-Fond Soċjali Ewropew Plus u jitneħħew ir-referenzi kollha għall-fergħa tas-Saħħa. Madankollu, minħabba l-ħtieġa li jiġu kkoordinati mill-qrib iż-żewġ programmi, il-proposta emendata tal-FSE+ tinkludi dispożizzjonijiet li jitolbu li jiġu żgurati s-sinerġiji u l-kumplimentarjetà tal-azzjonijiet bejn l-FSE+ u l-Programm tas-Saħħa l-ġdid tal-UE.

Biex nitgħallmu mill-kriżi attwali, huwa importanti ħafna li l-qafas ġuridiku għall-politika ta' koeżjoni jipprevedi mekkaniżmi li jistgħu jiġu invokati malajr jekk jinqalgħu ċirkostanzi eċċezzjonali fid-deċennju li jmiss. Għalhekk, huma proposti miżuri temporanji għall-użu tal-FSE + b'rispons għal ċirkostanzi eċċezzjonali u mhux tas-soltu biex jiġi żgurat li f'ċirkostanzi limitati u speċifiċi jistgħu jiġu pprovduti derogi għal ċerti regoli biex jiffaċilitaw ir-rispons għal ċirkostanzi bħal dawn.

Dawn jinkludu l-possibbiltà li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tal-FSE+, bħal pereżempju appoġġ għal skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar li mhumiex kkombinati ma' miżuri attivi u aċċess għall-kura tas-saħħa inkluż għan-nies li mhumiex f'vulnerabbiltà soċjoekonomika immedjata kif ukoll li jkun possibbli li jiġu ffaċilitati r-rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematika fejn meħtieġ bħala miżura temporanja biex jiġi pprovdut rispons effettiv għal ċirkostanzi eċċezzjonali u mhux tas-soltu bħal dawn.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta hija konsistenti mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika u hija limitata għal emenda mmirata tal-proposta tal-Kummissjoni għall-Fond Soċjali Ewropew Plus (COM(2018) 382) sabiex tippermetti kontribuzzjoni aktar effettiva tal-FSE+ għall-irkupru tal-ekonomija wara l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-sitwazzjoni ekonomika u soċjali tal-Istati Membri. L-għan tal-FSE+ huwa li jikseb livelli għoljin ta' impjieg, protezzjoni soċjali ġusta u forza tax-xogħol tas-sengħa u reżiljenti rilevanti għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol li tkun lesta għad-dinja futura tax-xogħol, f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u b'hekk jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Istrateġija Industrijali l-ġdida.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta hija limitata għal emendi mmirati għall-proposta tar-Regolament dwar il-Fond Soċjali Ewropew Plus (COM(2018) 382) u żżomm il-konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni. B'mod partikolari, hija konsistenti mal-emendi għall-proposta għar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni[5] u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali[6], [u, b'mod

[4] COM(2020) 405.
[5] COM(2020) 450.
[6] COM(2020) 452.

partikolari, tippromwovi kumplimentarjetà u sinerġiji mal-Programm tas-Saħħa l-ġdid[7].] Hija wkoll konsistenti mal-emendi proposti mill-Kummissjoni għar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni[8] għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 għat-trawwim tal-riabilitazzjoni mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u għat-tħejjija tal-irkupru tal-ekonomija.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Huwa propost li tiġi emendata l-proposta tal-Kummissjoni dwar il-Fond Soċjali Ewropew Plus (COM(2018) 382) biex jiġu indirizzati l-isfidi speċifiċi attwali.

It-Titoli IX (l-Impjieg), X (Politika soċjali) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), b'mod partikolari l-Artikoli 46, 149, 153, 162 sa 166, 174, 175 u 349 tat-TFUE, jipprovdu l-qafas ġuridiku għall-miżuri koperti minn din il-proposta.

L-FSE+ fih żewġ fergħat. L-ewwel fergħa, implimentata b'ġestjoni kondiviża, tkopri lil (dak li kien) FSE, li huwa bbażat fuq l-Artikoli 162 u 164 tat-TFUE u l-assistenza materjali bażika għall-aktar persuni fil-bżonn, abbażi tal-Artikolu 175(3) tat-TFUE. It-tieni fergħa, implimentata b'ġestjoni diretta u indiretta, tkopri azzjonijiet li jippromwovu l-impjiegi u l-innovazzjoni soċjali (EaSI), abbażi tal-Artikoli 46(d), 149 u l-Artikolu 153(2)(a) tat-TFUE.

Żdied l-Artikolu 349 biex ikopri l-ispeċifiċitajiet tar-reġjuni ultraperiferiċi għall-finijiet tal-ewwel fergħa.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta emendata tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Il-proposta tintroduċi mekkaniżmu ta' rispons f'każ ta' kriżi skont ir-regoli ta' ġestjoni kondiviża fil-forma ta' setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex jiġi żgurat li f'ċirkostanzi eċċezzjonali jistgħu jiġu pprovduti derogi temporanji biex jirrispondu għal avvenimenti bħal dawn. L-għoti ta' setgħat ta' implimentazzjoni jippermetti lill-Kummissjoni taġixxi immedjatament mingħajr il-ħtieġa li timmodifika l-leġiżlazzjoni primarja.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hija bidla mmirata li ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-objettiv li tiġi aġġustata l-proposta għall-proposta emendata tal-Kummissjoni għall-QFP.

L-għoti ta' setgħat propost jippermetti lill-Kummissjoni tieħu sett limitat ta' miżuri immedjati, fil-każ ta' kriżi futura, għal perjodu limitat ta' żmien u taħt il-kontroll tal-Kunsill u tal-Parlament li jistgħu joġġezzjonaw għall-modifiki proposti. Għalhekk il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost: emenda għall-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament.

Il-Kummissjoni eżaminat il-flessibbiltà pprovduta mill-qafas ġuridiku u tqis li huwa meħtieġ li tiġi modifikata l-proposta għar-Regolament dwar il-Fond Soċjali Ewropew Plus

[7] COM(2020) 405.
[8] COM(2020) 451.

(COM(2018) 382) sabiex jitneħħa l-Programm tas-Saħħa u jiġi introdott l-għoti ta' setgħat fil-każ ta' kriżi futura.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX-POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex-post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Ma japplikax

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Ma kien hemm l-ebda konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati esterni minħabba l-urġenza estrema tas-sitwazzjoni. Madankollu, il-proposta ssegwi l-konsultazzjonijiet estensivi mal-Istati Membri u mal-Parlament Ewropew li seħħew fil-ġimgħat reċenti relatati mal-konsegwenzi ekonomiċi tal-kriżi kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Ma japplikax

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Twettqet valutazzjoni tal-impatt biex titħejja l-proposta għal Regolament COM(2018) 382 tat-30 ta' Mejju 2018. Dawn il-bidliet limitati u mmirati ma jeħtiġux valutazzjoni tal-impatt separata.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Ma japplikax

- **Drittijiet fundamentali**

Ma japplikax

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-approprjazzjonijiet baġitarji marbuta mal-fergħa tas-Saħħa tneħħew.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

L-implimentazzjoni tal-miżuri se tiġi mmonitorjata u rrapportata fil-qafas tal-mekkaniżmi ta' rapportar stabbiliti fil-proposta għal Regolament COM(2018) 375 tad-29 ta' Mejju 2018 u fil-proposta għal Regolament COM(2018) 382 tat-30 ta' Mejju 2018.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-Direttivi)**

Ma japplikax

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Huwa propost li tiġi emendata l-proposta għal Regolament dwar il-Fond Soċjali Ewropew Plus tat-30 ta' Mejju 2018 kif ġej:

- tiġi emendata l-bażi ġuridika billi jitħassar l-Artikolu 168 tat-TFUE relatat mat-tneħħija tal-fergħa tas-Saħħa;
- emendi għall-premessi 5, 14, 15, 16 u 23 relatati mal-irkupru tal-ekonomija;
- tiddaħħal premessa ġdida 22a relatata mal-indirizzar tal-faqar fost it-tfal;
- emendi għall-premessi 9, 10, 11, 12, 21, 35 sa 45, 47 u 51 relatati mat-tneħħija tal-fergħa tas-Saħħa;
- tiddaħħal premessa ġdida (20a) relatata mas-sinerġiji mal-Programm tas-Saħħa l-ġdid;
- emendi għall-Artikolu 2(1), il-punti 2 u 9; għall-Artikolu 3, l-ewwel subparagrafu u l-punt (b) tat-tielet subparagrafu; għall-Artikolu 4(1), l-ewwel sentenza u (3); għall-Artikolu 5(1), (3), (4) u (5); għall-Artikolu 6(1); għall-Artikolu 7(1), it-tieni subparagrafu; għall-Artikoli 26 sa 29; għat-titolu tal-Artikolu 30(1), l-ewwel sentenza u (2); għall-Artikolu 31(1), (2), (4) u (5); għall-Artikolu 32; għall-Artikolu 33(1) u (3); għall-Artikolu 37(2); għall-Artikolu 38(2),(3) u (6); għat-titolu tal-Artikolu 42, (1) u (2) kollha relatati mat-tħassir tal-fergħa tas-Saħħa;
- emenda għall-Artikolu 2(1), il-punt 10 għal raġunijiet ta' konsistenza fl-istrumenti kollha tal-Unjoni;
- emenda għall-Artikolu 5(2) minħabba li l-baġit għall-FSE+ b'ġestjoni kondiviża naqas;
- emendi għall-Artikolu 7 billi jiddaħħal paragrafu 3a ġdid għal rekwiżit ta' konċentrazzjoni tematika biex jiġu appoġġati t-tfal foqra u emenda għall-paragrafu 5 relatat maż-żieda ta' rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematika għall-impjiegi taż-żgħażagħ;
- tiddaħħal premessa (54) ġdida u Artikolu 37a ġdid relatati ma' miżuri temporanji għall-użu tal-FSE+ b'rispons għal ċirkostanzi eċċezzjonali u mhux tas-soltu;
- jitħassar l-Anness III relatat mal-fergħa tas-Saħħa.

Id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva ġiet aġġornata wkoll.

2018/0206 (COD)

Proposta emendata għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+)**

Il-proposta tal-Kummissjoni COM(2018)382 hija emendata kif ġej:

(1) Il-bażi ġuridika hija emendata kif ġej:

"Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 46(d), l-Artikolu 149, l-Artikolu 153(2)(a), l-Artikolu 164, l-Artikolu 175(3) u l-Artikolu 349 tiegħu,";

(2) il-premessa (5) hija sostitwita b'dan li ġej:

"(5) L-iżviluppi reċenti u li għadhom għaddejjin aggravaw l-isfidi strutturali li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni ekonomika, mill-ġestjoni tal-flussi tal-migratorji u miż-żieda fit-theddid tas-sigurtà, mit-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, mill-bidla teknoloġika u mit-tixjiħ dejjem iżjed tal-forza tax-xogħol kif ukoll li jirriżultaw mid-distakk dejjem jikber bejn id-domanda u l-provvista ta' ħiliet u ħaddiema f'xi setturi u reġjuni, imġarrba l-iżjed mill-SMEs. It-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u t-trasformazzjoni tal-ekosistemi industrijali Ewropej se jinvolvu ħafna opportunitajiet ġodda, jekk ikunu akkumpanjati minn sett tajjeb ta' ħiliet u politiki u azzjonijiet dwar l-impjiegi u soċjali. Filwaqt li tikkunsidra r-realtajiet li qed jinbidlu fid-dinja tax-xogħol, jenħtieġ li l-Unjoni tkun ippreparata għall-isfidi attwali u futuri billi tinvesti fil-ħiliet rilevanti, tagħmel it-tkabbir aktar inklużiv u ttejjeb il-politiki dwar l-impjiegi u dawk soċjali, filwaqt li tikkunsidra s-sostenibbiltà ekonomika u industrijali, il-mobbiltà tal-ħaddiema u timmira għal suq tax-xogħol li jkollu bilanċ bejn is-sessi.";

(3) il-premessi (9) u (10) huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

(9) Biex jiġi razzjonalizzat u ssimplifikat ix-xenarju ta' finanzjament u jinħolqu opportunitajiet addizzjonali għal sinerġiji permezz ta' approċċi ta' finanzjament integrati, l-azzjonijiet appoġġati mill-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn ("FEAD") u mill-Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ jiġu integrati f'FSE+ wieħed. Għalhekk jenħtieġ li l-FSE+ ikun jinkludi żewġ fergħat: il-fergħa tal-FSE+ b'ġestjoni kondiviża u l-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali implimentata b'ġestjoni diretta u indiretta. Dan jenħtieġ jikkontribwixxi għal tnaqqis fil-piż finanzjarju marbut mal-ġestjoni ta' fondi differenti, b'mod partikolari għall-Istati Membri, filwaqt li jżomm regoli aktar sempliċi għal operazzjonijiet aktar sempliċi bħad-distribuzzjoni tal-ikel u/jew l-assistenza materjali bażika.

(10) Fid-dawl tal-kamp ta' applikazzjoni usa' tal-FSE+, jixraq li l-għanijiet biex titjieb l-effikaċja tas-swieq tax-xogħol, ikun promoss aċċess għal impjiegi ta' kwalità, jitjiebu l-aċċess u l-kwalità tal-edukazzjoni u t-taħriġ, jiġu promossi l-inklużjoni soċjali u l-aċċess għall-kura tas-saħħa għall-persuni vulnerabbli u biex jonqos l-faqar, ma jkunux implimentati biss b'ġestjoni kondiviża, iżda anki b'ġestjoni diretta u

indiretta permezz tal-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali għall-azzjonijiet meħtieġa fil-livell tal-Unjoni.";

(4) il-premessa (11) titħassar;

(5) il-premessa (12) hija sostitwita b'dan li ġej:

"(12) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għall-FSE+. Jenħtieġ li partijiet minn dan il-pakkett finanzjarju jintużaw għal azzjonijiet li jridu jiġu implimentati b'ġestjoni diretta u indiretta permezz tal-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali.";

(6) il-premessi (14) sa (16) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(14) L-FSE+ jenħtieġ li jipprovdi appoġġ biex jitjiebu l-kwalità, l-effikaċja, ir-rilevanza għas-suq tax-xogħol tas-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, inkluż permezz tal-promozzjoni tat-tagħlim diġitali, l-iżvilupp professjonali tal-persunal tat-tagħlim, sabiex tiġi ffaċilitata l-kisba ta' kompetenzi ewlenin l-aktar fir-rigward tal-ħiliet bażiċi, inkluż il-litteriżmu fis-saħħa, il-litteriżmu fil-media, il-ħiliet diġitali u l-kompetenzi għall-iżvilupp sostenibbli li kull individwu għandu bżonn għas-sodisfazzjon u l-iżvilupp personali, għall-impjieg, għall-inklużjoni soċjali u għaċ-ċittadinanza attiva. L-FSE+ jenħtieġ jgħin fil-progressjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ u fit-tranżizzjoni għax-xogħol, jappoġġa t-tagħlim tul il-ħajja u l-impjegabbiltà, u jikkontribwixxi għall-kompetittività inkluż permezz tal-istħarriġ dwar is-sitwazzjoni tal-gradwati u għall-innovazzjoni ekonomika u soċjetali billi jappoġġa inizjattivi skalabbli u sostenibbli f'dawn l-oqsma u adattati għal gruppi fil-mira differenti bħal pereżempju l-persuni b'diżabbiltà. Dan jista' jinkiseb pereżempju permezz ta' tagħlim online, taħriġ imsejjes fuq ix-xogħol, traineeships u apprendistati[9], iggwidar tul il-ħajja, antiċipazzjoni tal-ħiliet b'koperazzjoni fil-qrib mal-industrija, materjali tat-taħriġ u metodi ta' twassil aġġornati, previżjonijiet u stħarriġ dwar is-sitwazzjoni tal-gradwati, taħriġ tal-edukaturi, validazzjoni tal-eżiti tat-tagħlim, u rikonoxximent tal-kwalifiki u taċ-ċertifikazzjonijiet msejsa fuq l-industrija.

(15) L-appoġġ permezz tal-FSE+ jenħtieġ li jintuża biex jippromwovi aċċess ugwali għal kulħadd, b'mod partikolari għall-gruppi żvantaġġati, għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità, mhux segregati u inklużivi, mill-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, l-edukazzjoni u t-taħriġ ġenerali u vokazzjonali, l-aktar l-apprendistati, u sal-edukazzjoni u t-taħriġ tal-livell terzjarju, kif ukoll dawk tal-adulti. L-FSE+ jenħtieġ li jipprovdi appoġġ immirat għall-istudenti fil-bżonn u jnaqqas l-inugwaljanzi edukattivi, inkluż id-distakk diġitali, jipprevjeni t-tluq bikri mill-iskola, irawwem il-permeabbiltà bejn is-setturi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, isaħħaħ ir-rabtiet mat-tagħlim mhux formali u informali u jiffaċilita l-mobbiltà tat-tagħlim għal kulħadd. F'dan il-kuntest jenħtieġ li jiġu appoġġati s-sinerġiji mal-programm Erasmus, l-aktar biex jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni ta' studenti żvantaġġati fil-mobilità tat-tagħlim.

(16) L-FSE+ jenħtieġ li jippromwovi opportunitajiet flessibbli għat-titjib tal-ħiliet u għall-kisba ta' ħiliet ġodda u differenti minn kulħadd, l-aktar il-ħiliet diġitali u l-ħiliet għat-teknoloġiji abilitanti essenzjali kif ukoll il-ħiliet għall-ekonomija ekoloġika kif ukoll għall-ekosistemi industrijali f'konformità mal-Istrateġija Industrijali tal-UE[10]. F'konformità mal-Aġenda għall-Ħiliet tal-Ewropa u r-Rakkomandazzjoni dwar

[9] Kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2018 dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi.

[10] COM(2020) 102.

Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet[11], l-FSE+ jenħtieġ li jappoġġa perkorsi flessibbli, inkluż taħriġ modulari aċċessibbli b'miri qosra li jwassal għal kredenzjali, bil-ħsieb li l-persuni jiġu pprovduti b'ħiliet aġġustati għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u tal-ekosistemi industrijali, għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, għall-innovazzjoni u l-bidla soċjali u ekonomika, filwaqt li jiffaċilita t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet u l-impjegabbiltà, it-tranżizzjonijiet fil-karriera, il-mobbiltà ġeografika u settorjali u jappoġġa b'mod partikolari l-adulti b'livell baxx ta' ħiliet u/jew b'livell baxx ta' kwalifiki. L-FSE+ jenħtieġ ukoll li jiffaċilita l-forniment ta' appoġġ tal-ħiliet integrati lill-individwi, kemm jekk jaħdmu, jekk huma qiegħda kif ukoll jekk jaħdmu għal rashom permezz ta' strumenti bħal pereżempju kontijiet individwali tal-apprendiment." ;

(7) tiddaħħal il-premessa (20a) li ġejja:

"(20a) Minħabba l-importanza tal-aċċess għall-kura tas-saħħa, l-FSE+ jenħtieġ li jiżgura s-sinerġiji u l-kumplimentarjetajiet mal-Programm tas-Saħħa, u l-kamp ta' applikazzjoni tal-FSE+ jenħtieġ li jinkludi l-aċċess għall-kura tas-saħħa għall-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli.";

(8) il-premessa (21) hija sostitwita b'dan li ġej:

"(21) Jenħtieġ li l-FSE+ jappoġġa riformi tal-politiki u tas-sistemi fl-oqsma tal-impjiegi, tal-inklużjoni soċjali, tal-aċċess għall-kura tas-saħħa għall-persuni vulnerabbli, tal-kura fit-tul, u tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Biex jissaħħaħ l-allinjament mas-Semestru Ewropew, l-Istati Membri jenħtieġ jallokaw ammont xieraq mir-riżorsi tagħhom tal-fergħa b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+ biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiżi relatati mal-isfidi strutturali li jixraq jiġu indirizzati b'investimenti multiannwali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-FSE+. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ jiżguraw koerenza, koordinazzjoni u kumplimentarjetà bejn il-fergħa b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+ [il-Faċilità tal-Irkupru u r-Reżiljenza u l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku]. B'mod partikolari, il-Kummissjoni u l-Istat Membru jenħtieġ jiżguraw li f'kull stadju tal-proċess issir koordinazzjoni effettiva ħalli jkunu żgurati l-konsistenza, il-koerenza, il-kumplimentarjetà u s-sinerġija fost is-sorsi tal-finanzjament, inkluż l-assistenza teknika tagħha.";

(9) tiddaħħal il-premessa (22a) li ġejja:

"(22a) Bil-ħsieb li jiġi indirizzat il-livell persistentement għoli ta' faqar fost it-tfal fl-Unjoni, u f'konformità mal-prinċipju 11 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali li jiddikjara li t-tfal għandhom id-dritt għall-protezzjoni mill-faqar u li t-tfal li ġejjin minn sfondi żvantaġġati għandhom id-dritt għal miżuri speċifiċi biex jissaħħu l-opportunitajiet indaqs, l-ambizzjoni jenħtieġ li tkun li l-Istati Membri jallokaw mill-inqas 5 % tar-riżorsi tal-FSE+ b'ġestjoni kondiviża biex jappoġġaw l-attivitajiet li jindirizzaw il-faqar fost it-tfal f'konformità mal-għanijiet speċifiċi tal-FSE+ li jippermettu l-programmazzjoni tar-riżorsi lejn azzjonijiet li jappoġġaw direttament it-tfal fir-rigward tal-kura bikrija tat-tfal, tal-edukazzjoni, tal-kura tas-saħħa, tal-akkomodazzjoni deċenti u tan-nutrizzjoni xierqa.";

(10) il-premessa (23) hija sostitwita b'dan li ġej:

[11] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar perkorsi ta' titjib tal-ħiliet: opportunitajiet ġodda għall-adulti.

“(23) Sabiex jiġi ffaċilitat irkupru ekonomiku inkluživ wara kriżi kbira, u jiġi appoġġat l-impjieg taż-żgħażagħ f’dinja tax-xogħol li qed tinbidel u fid-dawl ta’ livelli persistentement għoljin ta’ qgħad u inattività taż-żgħażagħ f’għadd ta’ Stati membri u reġjuni, huwa meħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jinvestu biżżejjed riżorsi tal-FSE+ f’miżuri li jappoġġaw l-impjieg u l-ħiliet taż-żgħażagħ, inkluż permezz tal-implimentazzjoni ta’ skemi ta’ Garanzija għaż-Żgħażagħ. Filwaqt li jsejsu fuq l-azzjonijiet appoġġati mill-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ tul il-perjodu ta’ programmazzjoni 2014-2020 immirati għal persuni individwali u fuq t-tagħlimiet meħuda, jenħtieġ li l-Istati Membri jippromwovu aktar il-perkorsi tar-riintegrazzjoni fid-dinja tax-xogħol u tal-edukazzjoni u jinvestu fil-prevenzjoni bikrija u s-sensibilizzazzjoni billi meta rilevanti jagħtu prijorità liż-żgħażagħ qiegħda, inattivi u żvantaġġati fit-tul, inkluż b’ħidma fil-qasam taż-żgħażagħ. L-Istati Membri jenħtieġ jinvestu wkoll f’miżuri mmirati li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol kif ukoll f’kapaċitajiet xierqa ta’ servizzi għall-impjieg ħalli jipprovdu appoġġ personalizzat u olistiku liż-żgħażagħ u offerti mmirati aħjar għalihom.

It-titjib tal-ħiliet u l-kisba ta’ ħiliet ġodda u differenti għandhom jgħinu liż-żgħażagħ jaħtfu l-opportunitajiet ta’ setturi li qed jikbru u jippreparawhom għan-natura dejjem tinbidel tax-xogħol, filwaqt li jisfruttaw l-opportunitajiet li jirriżultaw mit-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi u mit-trasformazzjoni tal-ekosistemi industrijali Ewropej.

Għalhekk, l-Istati Membri li għandhom rata taż-żgħażagħ ta’ bejn il-15 u d-29 sena barra mill-impjieg, l-edukazzjoni, jew it-taħriġ li taqbeż il-medja tal-Unjoni fl-2019, abbażi tad-*data* tal-Eurostat, jenħtieġ li jallokaw mill-inqas 15 % tar-riżorsi tagħhom b’ġestjoni kondiviża tal-FSE+ għal dawk l-azzjonijiet.” ;

(11) il-premessi (35) sa (45) jitħassru;

(12) il-premessa (47) hija sostitwita b’dan li ġej:

“(47) Skont l-Artikolu [94 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE[12]], il-persuni u l-entitajiet stabbiliti fil-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej (OCTs) iridu jkunu eliġibbli għal finanzjament soġġetti għar-regoli u l-għanijiet tal-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u għall-arranġamenti possibbli applikabbli għall-Istat Membru li magħhom l-OCTs rilevanti huma marbuta.”;

(13) il-premessa (51) hija sostitwita b’dan li ġej:

“(51) Peress li l-għan ta’ dan ir-Regolament, jiġifieri li titjieb l-effikaċja tas-swieq tax-xogħol u jiġi promoss aċċess għal impjiegi ta’ kwalità, jitjiebu l-aċċess u l-kwalità tal-edukazzjoni u t-taħriġ, tiġi promossa l-inklużjoni soċjali u jonqos il-faqar kif ukoll l-azzjonijiet tal-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali, ma jistgħux jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri, iżda pjuttost jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista’ tadotta miżuri f’konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F’konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f’dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak l-għan.”;

(14) tiddaħħal il-premessa (54) li ġejja:

[12] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE tal-25 ta’ Novembru 2013 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea (Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Extra-Ewropea) (ĠU L 344, 19.12.2013, p. 1).

"(54) Sabiex ikun hemm rispons rapidu għal ċirkostanzi eċċezzjonali u mhux tas-soltu kif imsemmi fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir li jistgħu jinqalgħu matul il-perjodu ta' programmazzjoni, jenħtieġ li jiġu previsti miżuri temporanji biex jiġi ffaċilitat l-użu tal-appoġġ mill-FSE+ b'rispons għat-tali ċirkostanzi. Barra minn hekk, is-setgħat ta' implimentazzjoni b'rabta mal-miżuri temporanji għall-użu tal-Fondi b'rispons għal ċirkostanzi eċċezzjonali u mhux tas-soltu jenħtieġ li jiġu adottati mingħajr proċeduri ta' kumitat minħabba li l-kamp ta' applikazzjoni huwa ddeterminat mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u huwa limitat għall-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament.";

(15) L-Artikolu 2(1) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(2) "pajjiż assoċjat" tfisser pajjiż terz li hu parti għal ftehim mal-Unjoni li jippermetti l-parteċipazzjoni tiegħu fil-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali tal-FSE+ f'konformità mal-Artikolu 30;";

(b) il-punt 9 jitħassar;

(c) il-punt 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(10) "entità ġuridika" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika maħluqa u rikonoxxuta bħala tali skont il-liġi nazzjonali, il-liġi tal-Unjoni jew il-liġi internazzjonali, li għandha personalità ġuridika u li tista', meta taġixxi f'isimha stess, teżerċita drittijiet u tkun soġġetta għal obbligi, jew entità mingħajr personalità ġuridika f'konformità mal-Artikolu 197(2)(c) tar-Regolament Finanzjarju;";

(16) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-FSE+ għandu jappoġġa, jikkumplimenta u jżid il-valur tal-politiki tal-Istati Membri li jiżguraw opportunitajiet indaqs, aċċess għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u protezzjoni u inklużjoni soċjali." ;

(b) fit-tielet subparagrafu, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) b'ġestjoni diretta u indiretta għal dik il-parti mill-assistenza li tikkorrispondi għall-għanijiet indikati fl-Artikoli 4(1) u 23 ("il-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali").";

(17) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"1. L-FSE+ għandu jappoġġa dawn l-għanijiet speċifiċi li ġejjin fl-oqsma ta' politika tal-impjiegi, tal-edukazzjoni u tal-inklużjoni soċjali u b'hekk jikkontribwixxi wkoll għall-għan ta' politika ta' "Ewropa aktar soċjali – Implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali" kif stabbilit fl-Artikolu [4] tas-[CPR futur]";

(b) il-paragrafu 3 jitħassar;

(18) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 sa 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Il-pakkett finanzjarju totali għall-FSE+ tul il-perjodu 2021-2027 għandu jkun ta' EUR 97 332 282 000 bi prezzijiet attwali.

2. Il-parti tal-pakkett finanzjarju għall-fergħa tal-ESF+ b'ġestjoni kondiviża taħt l-Investiment għall-Impjiegi u t-Tkabbir għandha tkun EUR 96 571 282 000 bi prezzijiet attwali li minnhom EUR 200 000 000 bi prezzijiet attwali għandhom jiġu allokati għall-kooperazzjoni transnazzjonali biex jiġu appoġġati s-soluzzjonijiet innovattivi kif imsemmi fl-Artikolu 23(i) u EUR 400 000 000 bi prezzijiet attwali bħala finanzjament addizzjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi identifikati fl-Artikolu 349 tat-TFUE u r-reġjuni tal-livell 2 tan-NUTS li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 6 tal-Att ta' Adeżjoni tal-1994.

3. Il-pakkett finanzjarju għall-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali tul il-perjodu 2021-2027 għandu jkun ta' EUR 761 000 000 bi prezzijiet attwali.";

(b) il-paragrafu 4 jitħassar;

(c) il-paragrafu 5 huwa emendat kif ġej:

"5. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 3 jista' jintuża wkoll għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm, bħal attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditu u ta' evalwazzjoni inkluż sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattivi.";

(19) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-programmi kollha implimentati permezz tal-fergħa b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+, u l-operazzjonijiet appoġġati permezz tal-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali għandhom jiżguraw l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa matul it-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tagħhom. Għandhom jippromwovu wkoll opportunitajiet indaqs għal kulħadd, mingħajr diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru, oriġini razzjali jew etnika, reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali matul it-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tagħhom.";

(20) L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Istati Membri u, meta xieraq, il-Kummissjoni għandhom irawmu sinerġiji u jiżguraw koordinazzjoni, kumplimentarjetà u koerenza bejn l-FSE+ u fondi, programmi u strumenti oħra tal-Unjoni bħal Erasmus, il-Programm tas-Saħħa, il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil, il-Faċilità tal-Irkupru u r-Reżiljenza u l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, kemm fil-fażi tal-ippjanar kif ukoll waqt l-implimentazzjoni. L-Istati Membri u, meta xieraq, il-Kummissjoni, għandhom itejbu l-mekkaniżmi għall-koordinazzjoni biex tkun evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi u tkun żgurata l-koperazzjoni mill-qrib bejn dawk responsabbli għall-implimentazzjoni, biex jagħmu azzjonijiet ta' appoġġ koerenti u ssimplifikati.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu 3a li ġej:

"3a. L-Istati Membri għandhom jallokaw mill-inqas 5 % tar-riżorsi tagħhom b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+ biex jappoġġaw azzjonijiet immirati u riformi strutturali biex jiġi indirizzat il-faqar fost it-tfal skont l-għanijiet speċifiċi stabbiliti fil-punti (v) u (vii) sa (x) tal-Artikolu 4(1).";

(c) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-Istati Membri li għandhom rata taż-żgħażagħ ta' bejn il-15 u d-29 sena barra mill-impjieg, l-edukazzjoni, jew it-taħriġ li taqbeż il-medja tal-Unjoni fl-2019, abbażi tal-aktar *data* reċenti tal-Eurostat, għandhom jallokaw mill-inqas 15 % tar-riżorsi

tagħhom b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+ għas-snin 2021 sa 2025 għal azzjonijiet immirati u riformi strutturali li jappoġġaw l-impjiegi taż-żgħażagħ, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, b'mod partikolari l-apprendistati, u t-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol, il-perkorsi tar-riintegrazzjoni fl-edukazzjoni jew fit-taħriġ, u l-edukazzjoni kumpensatorja, b'mod partikolari fil-kuntest tal-implimentazzjoni ta' skemi tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ.

Meta jirrieżaminaw il-programmi tal-FSE+ f'nofs it-terminu skont l-Artikolu [14] tas-[CPR futur], l-Istati Membri li għandhom rata taż-żgħażagħ ta' bejn il-15 u d-29 sena barra mill-impjieg, l-edukazzjoni jew it-taħriġ li taqbeż il-medja tal-Unjoni fl-2024, abbażi tad-*data* tal-Eurostat, għandhom jallokaw mill-inqas 15 % tar-riżorsi tagħhom b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+ għas-snin 2026 sa 2027 għal dawk l-azzjonijiet.

Ir-reġjuni ultraperiferiċi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi għandhom jallokaw mill-inqas 15 % tar-riżorsi b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+ fil-programmi tagħhom għall-azzjonijiet immirati stabbiliti fl-ewwel subparagrafu. Din l-allokazzjoni għandha titqies fil-verifika tal-konformità mal-persentaġġ minimu fil-livell nazzjonali stabbilit fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi.

Meta jimplimentaw dawn l-azzjonijiet, l-Istati Membri għandhom jagħtu prijorità liż-żgħażagħ inattivi u qiegħda fit-tul u jistabbilixxu miżuri mmirati ta' sensibilizzazzjoni.";

(21) fil-Parti III – Implimentazzjoni b'ġestjoni diretta u indiretta, it-titolu "Kapitolu I: regoli speċifiċi għall-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali" jitħassar;

(22) it-titolu "Taqsima I: Dispożizzjonijiet Ġenerali" hija sostitwita bi "Kapitolu I - Għanijiet operazzjonali";

(23) it-titolu "Taqsima II: Eliġibbiltà" hija sostitwita bi "Kapitolu II - Eliġibbiltà";

(24) il-Kapitolu II u l-Artikoli 26 sa 29 tiegħu jitħassru;

(25) it-titolu "Kapitolu III - Regoli komuni applikabbli għall-fergħat tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u tas-Saħħa" jitħassar;

(26) L-Artikolu 30 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu tal-Artikolu 30 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi";

(b) fil-paragrafu 1, is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Il-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali għandha tkun miftuħa għall-pajjiżi assoċjati li ġejjin:";

(c) il-paragrafu 2 jitħassar;

(27) it-titolu "Kapitolu III - Dispożizzjonijiet Ġenerali" jiddaħħal qabel l-Artikolu 31;

(28) L-Artikolu 31 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali tista' tipprovdi finanzjament fi kwalunkwe waħda mill-forom stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju, b'mod partikolari għotjiet, premjijiet, akkwist u pagamenti volontarji lil Organizzazzjonijiet Internazzjonali li l-Unjoni hi membru tagħhom jew li tieħu sehem fil-ħidma tagħhom.";

(b) fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali għandha tiġi implimentata direttament kif stipulat fir-Regolament Finanzjarju jew indirettament mal-korpi msemmija fl-Artikolu [62(1)(c)] tar-Regolament Finanzjarju.";

(c) il-paragrafi 4 u 5 jitħassru;

(29) l-Artikolu 32 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 32*

***Programm ta' ħidma***

Il-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali għandha tiġi implimentata bil-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu [110] tar-Regolament Finanzjarju. Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu, fejn applikabbli, l-ammont globali riżervat għall-operazzjonijiet ta' taħlit.";

(30) L-Artikolu 33 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għandhom jiġu stabbiliti indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u l-progress tal-fergħa biex jintlaħqu l-għanijiet speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 4 u l-għanijiet operazzjonali stabbiliti fl-Artikoli 23.";

(b) il-paragrafu 3 jitħassar;

(31) fl-Artikolu 37, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni relatati mal-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali, u l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom. Ir-riżorsi finanzjarji allokati għall-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, diment li dawn ikunu relatati mal-għanijiet imsemmija fl-Artikoli 4 u 23.";

(32) l-Artikolu 37a li ġej jiddaħħal fil-Parti IV - Dispożizzjonijiet Finali:

"*Artikolu 37a*

***Miżuri temporanji għall-użu tal-FSE b'rispons għal ċirkostanzi eċċezzjonali u mhux tas-soltu***

Meta wara [*id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*] il-Kunsill ikun irrikonoxxa l-okkorrenza ta' avveniment mhux tas-soltu barra mill-kontroll ta' Stat Membru wieħed jew aktar li għandu impatt kbir fuq il-pożizzjoni finanzjarja tal-gvern ġenerali jew tnaqqis serju fir-ritmu ekonomiku għaż-żona tal-euro jew għall-Unjoni kollha kemm hi, kif imsemmi fl-għaxar subparagrafu tal-Artikolu 5(1), ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 6(3), l-għaxar subparagrafu tal-Artikolu 9(1) u r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 10(3) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97(*) jew l-okkorrenza ta' avvenimenti ekonomiċi avversi b'konsegwenzi sfavorevoli kbar għall-finanzi tal-gvern, kif imsemmi fl-Artikoli 3(5) u 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97(**), il-Kummissjoni tista', permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni u għall-perjodu definit f'dik id-deċiżjoni:

(a) testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-FSE+, permezz ta' deroga mill-Artikolu 4(1), billi tippermetti li jittieħdu miżuri ta' appoġġ li huma strettament meħtieġa bħala rispons għat-tali ċirkostanzi eċċezzjonali jew mhux tas-soltu, b'mod partikolari biex

tippermetti l-finanzjament ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar mingħajr ir-rekwiżit li dawn jenħtieġ li jiġu kkombinati ma' miżuri attivi u ta' aċċess għall-kura tas-saħħa inkluż għall-persuni li mhumiex f'vulnerabbiltà soċjoekonomika immedjata;

(b) tnaqqas ir-rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematika permezz ta' deroga mill-Artikolu 7.

___________

(*) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1).

(**) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6).";

(33) L-Artikolu 38 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 15(6) u fl-Artikolu 21(5) għal perjodu taż-żmien indeterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 15(6) u fl-Artikolu 21(5) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandu jibda jkollha effett fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.";

(b) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Att delegat li jkun ġie adottat skont l-Artikolu 15(6) u l-Artikolu 21(5) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu esprimew xi oġġezzjoni fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma informaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.";

(34) L-Artikolu 42 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali";

(b) il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13] jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2021.

[13] Ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali ("EaSI") u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 283/2010/UE li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-impjiegi u l-inklużjoni soċjali (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 238).

2. Il-pakkett finanzjarju għall-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali jista' jkopri wkoll l-ispejjeż tal-assistenza teknika u amministrattiva meħtieġa biex tkun żgurata t-tranżizzjoni bejn l-FSE+ u l-miżuri adottati skont il-predeċessur tiegħu: il-Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali.";

(35) l-Anness III jitħassar.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

### 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

#### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

| |
|---|
| Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li tħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 |

#### 1.2. Oqsma ta' politika kkonċernati *(Raggruppament ta' programmi)*

| |
|---|
| Investiment fin-Nies, fil-Koeżjoni Soċjali u fil-Valuri<br>Titolu 07<br>Kapitolu 07 02 – FSE+ |

#### 1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar:

**☑ azzjoni ġdida**

**☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**[14]

**☐ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

**☐ fużjoni jew direzzjoni mill-ġdid ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida**

#### 1.4. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

*1.4.1. Rekwiżit li jrid jiġi ssodisfat fuq terminu qasir jew twil inkluż kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

| |
|---|
| L-FSE+ huwa l-istrument ewlieni tal-UE li jinvesti fin-nies u jagħmel kontribuzzjoni sinifikanti lejn Ewropa aktar soċjali, filwaqt li jġib lill-Ewropa qrib liċ-ċittadini u kuljum jagħti riżultati għall-persuni li huma l-aktar fil-bżonn fis-soċjetajiet tagħna. L-FSE+ jikkontribwixxi biex tiżdied il-konverġenza soċjoekonomika bejn l-Istati Membri li hija kundizzjoni neċessarja għall-funzjonament tajjeb tal-UE bħala unjoni ekonomika u politika stabbli u vijabbli.<br><br>Wara l-adozzjoni tar-Regolament dwar l-FSE+ l-Istati Membri se jipprogrammaw l-allokazzjonijiet baġitarji tagħhom f'konformità mal-gwida li tkun waslet fis-sena preċedenti fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Il-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid se jibda fl-1 ta' Jannar 2021 u l-Kummissjoni ħadet miżuri biex tħaffef kemm jista' jkun l-implimentazzjoni tal-Fond, pereżempju billi neħħiet ir-rekwiżit li tiġi nnotifikata d-deżinjazzjoni tal-awtoritajiet ta' Ġestjoni lill-Kummissjoni, u b'hekk evitat id-dewmien tal-perjodu 2014-2020.<br><br>L-implimentazzjoni fil-ġestjoni diretta se tkompli wkoll immedjatament wara d-dħul fis-seħħ tal-programm. |

*1.4.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadann mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza tad-dritt, effettività akbar jew il-kumplimentarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-"valur miżjud tal-involviment*

[14] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

*tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur li altrimenti kien jinħoloq mill-Istati Membri weħidhom.*

Raġunijiet għal azzjoni fil-livell Ewropew (*ex-ante*): Il-valur miżjud tal-UE huwa ġġenerat billi jiġu pprovduti investimenti f'oqsma u grupp fil-mira li altrimenti ma kinux iseħħu, billi jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-azzjonijiet eżistenti, tiġi appoġġata l-integrazzjoni tal-innovazzjonijiet u billi tissaħħaħ il-kapaċità tal-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri. Ħafna evidenza turi li l-politiki tal-UE li jimmiraw għall-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali u tad-drittijiet soċjali ma kinux ikunu implimentati mingħajr l-investiment komplementarju tal-UE. Bis-saħħa tal-finanzjament Ewropew, l-Istati Membri investew f'oqsma, gruppi fil-mira u riformi b'mod li kien ikun impossibbli bil-finanzjament nazzjonali biss. Filwaqt li l-kompetenza biex jiġu indirizzati l-impjiegi u l-affarijiet soċjali tibqa' biss fuq il-livell nazzjonali, minħabba l-iskala u l-effett tal-isfidi, l-azzjoni wriet li hija aktar effettiva u effiċjenti jekk il-livell tal-UE jappoġġa l-isforzi magħmula mill-Istati Membri u tgħin fil-promozzjoni tar-riformi li huma ta' benefiċċju għall-pajjiżi individwali u lill-UE kollha kemm hi.

Valur miżjud tal-Unjoni li mistenni jkun iġġenerat (*ex-post*): L-isfidi li jiffaċċjaw l-ekonomiji u s-soċjetajiet Ewropej b'mod partikolari fir-rigward tal-impjiegi, l-edukazzjoni, l-ħiliet u l-kwistjonijiet soċjali jirrikjedu investimenti kontinwi f'dawn l-oqsma. L-inizjattiva hija mistennija li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' politiki u prijoritajiet tal-UE f'dawn l-oqsma (bħal pereżempju l-linji gwida dwar l-impjiegi u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali), għall-promozzjoni tal-aħjar prattiki u tal-kooperazzjoni (biex jitjieb it-tfassil tal-politiki u l-kapaċità ta' implimentazzjoni, tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni transnazzjonali) u għall-promozzjoni tal-valuri tal-UE (bħal pereżempju l-ugwaljanza u l-ġustizzja soċjali). Fit-tul, l-inizjattiva hija mistennija li tikkontribwixxi għall-konverġenza soċjoekonomika tal-Istati Membri u li tagħmel l-ekonomija u s-soċjetajiet Ewropej aktar reżiljenti.

1.4.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

L-evalwazzjonijiet tal-perjodi ta' programmazzjoni attwali u preċedenti u l-istudji relatati kollha jikkonfermaw l-effikaċja, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-valur miżjud tal-UE u l-koerenza tal-fondi koperti minn dan ir-Regolament. L-Istati Membri investew f'oqsma politiċi, gruppi fil-mira u riformi b'mod li kien ikun impossibbli bil-finanzjament nazzjonali biss. B'mod partikolari:

• l-evalwazzjonijiet *ex-post* tal-FSE tal-perjodi 2000-2006 u 2007-2013 jirrikonoxxu l-investimenti tal-FSE bħala investimenti rilevanti, effiċjenti u effettivi. L-allinjament tal-FSE mal-politiki u l-prijoritajiet tal-UE skont l-Istrateġija tal-Lisbona u l-Istrateġija Ewropa 2020 għal impjiegi u tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv issaħħaħ maż-żmien. Fl-istess ħin, peress li huwa wieħed mill-fondi strutturali, l-FSE jikkontribwixxi għall-għanijiet tat-Trattat ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali permezz ta' konċentrazzjoni miżjuda tar-riżorsi. Pereżempju, l-FSE (bil-finanzjament nazzjonali assoċjat) jirrappreżenta 70 % tal-miżuri attivi fi 11-il Stat Membru.

• permezz tal-appoġġ tiegħu għaż-żgħażagħ barra mill-impjieg, l-edukazzjoni jew it-taħriġ (NEETs) f'reġjuni speċifiċi tal-UE, il-YEI żiedet il-viżibbiltà tal-politiki dwar l-impjieg taż-żgħażagħ, iżda ġabet magħha wkoll bidla fit-tfassil tal-politiki f'għadd ta' Stati Membri billi appoġġat l-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' skemi ta' garanzija għaż-żgħażagħ;

- ir-riżultati preliminari tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-FEAD, inkluż il-feedback mill-partijiet ikkonċernati, jindikaw li l-operazzjonijiet ta' ikel, għajnuna materjali u inklużjoni soċjali li appoġġa jagħmlu differenza għall-persuni l-aktar fil-bżonn, inkluż dawk li kieku kienu jitħallew barra mill-assistenza soċjali normali jew dawk li għandhom bżonn appoġġ immedjat;

- l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-EaSI turi li l-objettivi tiegħu għadhom rilevanti, b'mod partikolari f'kuntest soċjoekonomiku ta' sfida kkaratterizzat mill-konsegwenzi tal-kriżi finanzjarja u ekonomika u li kien effettiv biex jilħaq lill-partijiet ikkonċernati rilevanti, jiġġenera eżiti u biex jikseb l-objettivi tiegħu.

Madankollu, l-evalwazzjonijiet u l-istudji jipprovdu wkoll evidenza ta' għadd ta' sfidi, l-aktar li jirrigwardaw il-ħtieġa għal aktar koerenza u sinerġija, flessibbiltà u allinjament politiku, orjentazzjoni tal-prestazzjoni u tar-riżultati, u simplifikazzjoni. B'mod partikolari l-pajsaġġ tal-finanzjament u, sa ċertu punt, l-implimentazzjoni tal-fondi, iridu jiġu simplifikati. L-oqsma li jridu jiġu indirizzati huma deskritti fil-qosor fil-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-proposta leġiżlattiva.

*1.4.4. Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

L-inizjattiva għandha l-għan li ttejjeb is-sinerġiji u l-koerenza bejn l-FSE+ u fondi oħra li jinvestu fl-iżvilupp tal-kapital uman.

Mal-FEŻR l-FSE+ b'mod partikolari tikkondividi l-objettiv ta' koeżjoni ekonomika u soċjali. Il-koordinazzjoni hija żgurata permezz ta' regoli komuni għal ġestjoni kondiviża f'oqsma bħal pereżempju l-programmazzjoni u l-ġestjoni finanzjarja. Il-programmi b'bosta fondi se jkomplu jkunu possibbli biex jippermettu approċċi integrati fil-programmazzjoni u fl-implimentazzjoni. Regoli komuni se jiżguraw ukoll il-kompatibbiltà bejn l-FEŻR, l-FSE+ u l-FAEŻR u l-programmi tal-FEMS.

Il-kooperazzjoni bejn l-FSE+ u l-Erasmus+ kif ukoll il-kooperazzjoni mal-programm tas-Saħħa se jiġu appoġġati b'mod aktar attiv billi jiġu inklużi dispożizzjonijiet xierqa fir-regolamenti li jridu jitħaddmu fid-dettall fil-programmi ta' ħidma u fil-gwidi għall-programmi.

L-FSE+ se jkompli jappoġġa l-integrazzjoni fit-tul tal-migranti fil-waqt li l-AMIF se jkopri l-ħtiġijiet fuq terminu qasir. Bħala l-investiment ewlieni tal-UE għall-investiment fil-kapital uman u fil-ħiliet, l-FSE+ se jkompli jagħmel kontribuzzjoni importanti għall-iżvilupp tal-kapital uman fir-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) f'sinerġija ma' Orizzont Ewropa.

## 1.5. Durata u impatt finanzjarju

☑ **durata limitata**

– ☑ b'effett mill-01/01/2021 sal-31/12/2027

– ☑ Impatt finanzjarju mill-2021 sal-2027 għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u mill-2021 sal-2030 għall-approprjazzjonijiet ta' pagamenti.

☐ **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS, segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

## 1.6. Modi ta' ġestjoni ppjanati[15]

☑ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☑ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– mill-aġenziji eżekuttivi

☑ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☑ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

– ☑ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☑ lill-korpi msemmijin fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☑ lill-korpi tal-liġi pubblika;

– ☑ lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji xierqa;

– ☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

L-FSE+ se jitqassam f'żewġ fergħat ewlenin, waħda b'ġestjoni kondiviża li tkopri l-programmi FSE, FEAD u YEI preċedenti, u l-oħra b'ġestjoni diretta u indiretta, li tiġbor l-attivitajiet mill-Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) preċedenti.

Għall-implimentazzjoni tal-FSE+, l-attivitajiet attwali mal-organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-aġenzija tan-NU jew l-OECD u l-ILO se jitkomplew.

[15] Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx

Minbarra dan, l-attivitajiet ta' kooperazzjoni transnazzjonali l-ġodda previsti jistgħu jiġu implimentati b'ġestjoni indiretta, filwaqt li jiddependu fuq l-awtoritajiet ta' ġestjoni tal-FSE.

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

B'ġestjoni kondiviża, l-indikaturi komuni tal-outputs u tar-riżultats se jiġu definiti fil-livell tal-programm. Id-*data* dwar l-indikaturi komuni tal-outputs u tar-riżultati se tiġi trażmessa b'mod elettroniku mill-awtoritajiet tal-Istati Membri lill-Kummissjoni sitt darbiet fis-sena. Il-konsistenza tagħha se tiġi vverifikata. L-affidabbiltà tas-sistema għall-ġbir, ir-reġistrazzjoni u l-ħażna tad-*data* għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-verifika se tiġi awditjata.

B'ġestjoni diretta u indiretta, l-oqfsa ta' prestazzjoni se jiġu żviluppati abbażi tal-prattiki rilevanti tal-qafas preċedenti tal-EaSI sabiex jiġi żgurat li d-*data* tinġabar b'mod effiċjenti, b'mod effettiv u fil-ħin.

### 2.2. Sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll

*2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-modi ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmi għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposti*

L-abbozz tas-CPR jipprevedi pagamenti mill-Kummissjoni fil-forma ta' prefinanzjament, pagamenti *interim* u pagamenti wara l-approvazzjoni tal-kontijiet. Il-prefinanzjament jitħallas kull sena skont il-persentaġġi previsti fis-CPR. Il-pagamenti *interim* jiġu kkalkulati skont ir-rati ta' kofinanzjament miftiehma skont il-prijorità maqbula fil-programm operazzjonali. Kuntrarju għall-perjodu attwali ta' programmazzjoni, l-għadd tal-applikazzjonijiet għall-pagamenti *interim* hu limitat għal erbgħa fis-sena li jitressqu kull tliet xhur.

L-abbozz tas-CPR jipprevedi modalitajiet differenti għall-iżvelar tal-pagamenti *interim* skont jekk l-implimentazzjoni tal-programm tkunx ibbażata fuq il-kostijiet reali ddikjarati mill-Istat Membru jew tkun ibbażata fuq "alternattiva ssimplifikata tal-kostijiet" jew malli jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet.

L-abbozz tal-proposta tas-CPR (ġestjoni kondiviża) hija bbażata fuq dik li hija fis-seħħ għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Madankollu, hemm ċerti miżuri proposti li għandhom l-għan li jissimplifikaw l-implimentazzjoni u li jnaqqsu l-piż tal-awditjar fuq l-Istati Membri u l-benefiċjarji tagħhom. Dawn il-miżuri huma marbuta mal-ġestjoni tal-fondi mill-Awtorità ta' Ġestjoni li, kif propost, għandha tibbaża l-verifiki ta' ġestjoni fuq analiżi tar-riskji. It-tieni nett, f'ċerti kundizzjonijiet, l-Awtorità ta' Ġestjoni tista' tiddeċiedi li tapplika l-arranġamenti ta' kontroll imtejba f'konformità mal-proċeduri nazzjonali mingħajr l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-proċess tan-nomina tħassar u dan għandu jħaffef l-implimentazzjoni tal-programmi.

L-abbozz tal-proposta tas-CPR ma tipprevedi l-ebda Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni iżda pjuttost il-preżenza ta' funzjoni ta' kontabbiltà. Ir-raġunament wara dan hu li dan iwassal għal inqas amministrazzjoni fil-livell nazzjonali.

Fejn jidħol l-awditjar tan-nefqa ddikjarata, il-proposta tas-CPR fiha ċerti elementi bl-għan li jkun evitat awditjar multiplu għall-istess operazzjoni/nefqa.

Skont ir-regoli tal-abbozz tas-CPR, il-pagamenti *interim* se jiġu ċċertifikati lill-Kummissjoni wara li jkunu saru verifiki ta' ġestjoni skont kampjun ibbażat fuq ir-riskju tan-nefqa ddikjarata mressqa mill-benefiċjarji, iżda ħafna drabi qabel ma jkunu

saru l-verifiki fid-dettall ta' ġestjoni fuq il-post jew l-attivitajiet sussegwenti tal-awditjar.

Biex jittaffa r-riskju tar-rimborż ta' spejjeż ineliġibbli minħabba dan, ġew previsti għadd ta' miżuri fil-proposti

1) **Il-pagamenti *interim* mill-Kummissjoni se jibqgħu jiġu limitati sa 90 % tal-ammont dovut lill-Istati Membri, għax f'dan l-istadju tkun saret biss parti mill-kontrolli nazzjonali.** Il-bilanċ li jifdal se jitħallas wara l-approvazzjoni annwali tal-kontijiet, ladarba jingħataw evidenza tal-awditjar u assigurazzjoni raġonevoli mill-awtorità ta' ġestjoni u mill-awtorità tal-awditjar. Kwalunkwe irregolaritajiet misjuba mill-Kummissjoni jew mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri wara t-trażmissjoni tal-kontijiet annwali ċċertifikati mill-awtorità ta' ġestjoni/taċ-ċertifikazzjoni jistgħu jwasslu għal korrezzjoni netta.

2) **Se jissoktaw l-approvazzjoni annwali tal-kontijiet u l-għeluq annwali tal-operazzjonijiet jew tan-nefqiet magħmula**, li se joħolqu inċentivi addizzjonali għall-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali biex jagħmlu kontrolli ta' kwalità fil-ħin u fid-dawl taċ-ċertifikazzjoni annwali tal-kontijiet lill-Kummissjoni.

Il-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali tal-programm se jiġu implimentati b'ġestjoni diretta u indiretta, permezz tal-modi ta' implimentazzjoni offruti mir-Regolament Finanzjarju, l-aktar b'għotjiet u bl-akkwist. Il-ġestjoni diretta tippermetti li jiġu stabbiliti kuntatti diretti mal-benefiċjarji/mal-kuntratturi li huma involuti direttament fl-attivitajiet li jaqdu l-politiki tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tiżgura monitoraġġ dirett tal-eżitu tal-azzjonijiet iffinanzjati. Il-modalitajiet ta' pagament tal-azzjonijiet iffinanzjati se jiġu adattati għar-riskji li jirrigwardaw it-tranżazzjonijiet finanzjarji. Biex ikunu żgurati l-effikaċja, l-effiċjenza u l-ekonomija tal-kontrolli tal-Kummissjoni, l-istrateġija se tkun orjentata lejn bilanċ tal-kontrolli *ex-ante* u *ex-post.*

Fir-rigward tal-ġestjoni diretta u indiretta se jsiru wkoll awditi *ex-post* fuq il-post minn awdituri esterni għal kampjun tat-tranżazzjonijiet. L-għażla ta' dawn it-tranżazzjonijiet se tgħaqqad valutazzjoni tar-riskji u għażla aleatorja.

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistemi ta' kontroll intern stabbiliti għall-mitigazzjoni tagħhom*

It-tnaqqis fl-ambjent ta' kontroll jista' jwassal għal żieda fl-errur. Huwa antiċipat li dan ir-riskju jittaffa bil-livelli limitu tar-rimborżi u bl-approvazzjoni annwali tal-kontijiet. Iżda aktarx li l-korrezzjonijiet fil-livell nazzjonali se jkunu ogħla, u b'hekk ikun hemm ċertu frustrazzjoni fil-livell tal-Istati Membri. Din il-frustrazzjoni tista' tinħoloq ukoll minħabba l-fatt li l-abbozzar attwali tas-CPR jobbliga effettivament lill-Awtoritajiet ta' Ġestjoni biex iwettqu kontrolli b'approċċ ibbażat fuq ir-riskju minflok fuq il-bażi ta' 100 % bħal qabel. Dan ir-rekwiżit jista' wkoll jiġi f'kunflitt mal-leġiżlazzjoni nazzjonali eżistenti li tkun teżiġi verifika eżawrjenti tal-kostijiet iddikjarati (anki għall-finanzjament nazzjonali li jingħaqad miegħu). Dan jista' jkun element li ma ġiex ikkunsidrat biżżejjed fil-proposta.

L-eliminazzjoni tal-Awtorità ta' Ċertifikazzjoni tnaqqas filtru addizzjonali fil-ġestjoni u l-kontroll tan-nefqa mġarrba. Matul l-aħħar żewġ perjodi ta' programmazzjoni, l-Awtoritajiet ta' Ċertifikazzjoni qdew rwol importanti biex jiffiltraw in-nefqa ineliġibbli u biex isiru korrezzjonijiet finanzjarji addizzjonali fejn meħtieġ. Il-proposta attwali tas-CPR ma ttaffix dan ir-riskju.

It-tnaqqis fil-ħidma tal-awditjar jista' jwassal li jinqabżu xi erruri residwi u dan jista'jdgħajjef il-proċess tal-assigurazzjoni tal-Kummissjoni. Jidhrilna li dan ir-riskju mhuwiex mitigat, l-aktar għax l-arranġamenti tal-kontroll proporzjonati jillimitaw ukoll is-setgħat tal-Kummissjoni fejn jidħol l-awditjar. Għalhekk, aħna nqisu li dan ir-riskju huwa aċċettat mil-leġiżlatur.

Fir-rigward tal-baġit implimentat b'ġestjoni diretta u indiretta, l-implimentazzjoni tiffoka fuq l-attribuzzjoni ta' kuntratti tal-akkwist pubbliku filwaqt li huma previsti għadd ta' għotjiet għal attivitajiet u organizzazzjonijiet speċifiċi.

Il-kuntratti tal-akkwist pubbliku se jiġu konklużi l-aktar fl-oqsma bħal studji, ġbir ta' *data*, kuntratti ta' evalwazzjoni, taħriġ, kampanji informattivi, servizzi tal-IT u tal-komunikazzjoni, ġestjoni tal-faċilitajiet eċċ. Fil-biċċa l-kbira tagħhom, il-kuntratturi huma impriżi ta' konsulenza u kumpaniji privati oħra li ħafna minnhom huma SMEs.

L-għotjiet se jingħataw l-aktar għal attivitajiet ta' sostenn lil organizzazzjonijiet mhux governattivi, aġenziji nazzjonali, universitajiet, eċċ. Il-perjodu tat-twettiq tal-proġetti u l-attivitajiet sussidjati jvarja minn sena sa mhux aktar minn tliet snin.

Ir-riskji ewlenin huma dawn li ġejjin:

• Riskju ta' użu mhux effiċjenti jew mhux ekonomiku tal-fondi mogħtija, kemm għall-għotjiet (il-kumplessità tar-regoli ta' finanzjament, speċjalment għall-operaturi żgħar) u għall-akkwist (għadd limitat ta' fornituri ekonomiċi bl-għarfien ekonomiku meħtieġ iwassal għal nuqqas ta' possibbiltajiet biżżejjed biex jitqabblu l-offerti tal-prezzijiet f'xi setturi);

• Riskju għar-reputazzjoni tal-Kummissjoni jekk jiġu skoperti attivitajiet kriminali jew frodi; mis-sistemi ta' kontroll intern ta' terzi persuni tista' tittieħed biss garanzija parzjali minħabba l-għadd pjuttost kbir ta' kuntratturi u benefiċjarji eteroġeni, li kollha joperaw is-sistema ta' kontroll proprja tagħhom u li ħafna drabi tkun waħda żgħira.

Il-Kummissjoni stabbilixxiet proċeduri interni bl-għan li jkopru r-riskji identifikati hawn fuq. Il-proċeduri interni huma konformi għalkollox mar-Regolament Finanzjarju u jinkludu miżuri kontra l-frodi u kunsiderazzjonijiet tal-kostbenefiċċji. F'dan il-qafas, il-Kummissjoni qed tkompli tesplora l-possibbiltajiet biex ittejjeb il-ġestjoni u biex twettaq titjib fl-effiċjenza. Il-karatteristiċi ewlenin tal-qafas ta' kontroll huma dawn li ġejjin:

**Kontrolli qabel u matul l-implimentazzjoni tal-proġetti:**

• Qed jintużaw mudelli tal-ftehim tal-għotjiet u tal-kuntratti tas-servizzi, ilkoll żviluppati fi ħdan il-Kummissjoni. Dawn jipprevedu għadd ta' dispożizzjonijiet ta' kontroll bħaċ-ċertifikati ta' awditjar, il-garanziji finanzjarji, l-awditi fuq il-post kif ukoll l-ispezzjonijiet mill-OLAF. Ir-regoli li jirregolaw l-eliġibbiltà tal-kostijiet qed jiġu ssimplifikati, pereżempju bl-użu ta' spejjeż unitarji, ta' somom f'daqqa, ta' kontribuzzjonijiet li mhumiex marbuta mal-kostijiet u ta' possibbiltajiet oħra offruti mir-Regolament Finanzjarju. Dan se jnaqqas il-kost tal-kontrolli u jixħet l-enfasi fuq il-verifiki u l-kontrolli f'żoni b'riskju għoli.

• Il-persunal kollu jaderixxi mal-kodiċi ta' mġiba amministrattiva tajba. Il-persunal involut fil-proċedura tal-għażla jew fil-ġestjoni tal-ftehimiet/tal-kuntratti tal-għotjiet jiffirma (wkoll) dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' kunflitt ta' interess. Il-persunal jitħarreġ regolarment u juża n-networks għall-iskambju tal-aħjar prattiki.

• L-implimentazzjoni teknika ta' proġett tiġi vverifikata f'intervalli regolari mill-uffiċċju abbażi tar-rapporti ta' progress tekniku tal-kuntratturi u tal-benefiċjarji; minbarra dan, huma previsti laqgħat mal-kuntratturi/mal-benefiċjarji u żjarat fuq il-post abbażi ta' każ b'każ.

**Kontrolli fi tmiem il-proġett:** L-awditi *ex-post* isiru biex jivverifikaw fuq il-post l-eliġibbiltà tad-dikjarazzjonijiet tal-kostijiet. L-għan ta' dawn il-kontrolli huwa li jiġu evitati, individwati u korretti l-erruri materjali relatati mal-legalità u mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet finanzjarji. Bil-ħsieb li l-kontrolli jħallu impatt qawwi, l-għażla tal-benefiċjarji li jridu jiġu awditjati tipprevedi li ssir taħlita ta' għażla abbażi tar-riskju u kampjunar aleatorju, u li tingħata attenzjoni lill-aspetti operazzjonali kull meta dan ikun possibbli matul l-awditu fuq il-post.

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontrolli ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju tal-erruri (waqt il-pagament u waqt l-għeluq)*

L-għażla li jkollhom funzjoni ta' kontabbiltà, li tista' tippermetti lill-Istat Membru biex iġemma' parti sostanzjali mill-4 % tal-kostijiet attwali marbuta maċ-ċertifikazzjoni minħabba tnaqqis fil-funzjonijiet tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll;

-l-użu ta' kostijiet issimplifikati u SCOs mhux marbuta mal-kostijiet, li jnaqqsu l-kostijiet amministrattivi u l-piżijiet fil-livelli kollha, kemm għall-amministrazzjonijiet kif ukoll għall-benefiċjarji;

-arranġamenti ta' kontrol ipproporzjonati għall-verifiki ta' ġestjoni (ibbażati fuq ir-riskju) u għall-awditi;

-għeluq annwali, li se jnaqqas il-kost taż-żamma ta' dokumenti għal skopijiet ta' kontroll għall-amministrazzjonijiet pubbliċi u għall-benefiċjarji.

Għaldaqstant b'mod kumplessiv huwa mistenni li l-proposti se jwasslu għal distribuzzjoni mill-ġdid tal-kostijiet ta' kontroll (jibqa' madwar 2 % tal-finanzjament totali ġestit), aktar milli żieda jew tnaqqis.

F'dan il-kuntest tal-esperjenza miksuba bl-implimentazzjoni (tal-fergħat) tal-programm preċedenti b'ġestjoni diretta u l-karatteristiċi ewlenin tad-disinn tal-programm il-ġdid, huwa vvalutat li r-riskji tal-implimentazzjoni tal-programm se jibqgħu relattivament stabbli. Bil-kombinazzjoni ta' għotjiet u akkwist, il-kontrolli *ex-ante* u *ex-post* kif ukoll il-verifiki mill-uffiċċju u l-awditjar fuq il-post, ir-rata medja kwantifikabbli tal-erruri residwi hija mistennija tibqa' inqas minn 2 %.

Għall-ġestjoni diretta u indiretta, il-kost annwali tal-livell ssuġġerit ta' kontrolli jirrappreżenta madwar 3 sa 7 % tal-baġit annwali tan-nefqa operazzjonali. Din hija ġustifikata mill-ammont għoli ta' transazzjonijiet li jridu jiġu kkontrollati. Tabilħaqq, fil-qasam tal-impjiegi u l-affarijiet soċjali u s-saħħa, il-ġestjoni diretta tinvolvi l-attribuzzjoni ta' diversi kuntratti u għotjiet għal azzjonijiet, u l-pagament ta' diversi għotjiet operazzjonali lil organizzazzjonijiet mhux governattivi u tradeunions. Ir-riskju relatat ma' dawn l-attivitajiet jikkonċerna l-kapaċità ta' organizzazzjonijiet (partikolarment) żgħar biex jikkontrollaw in-nefqa b'mod effettiv.

Abbażi ta' ħames snin, ir-rata tal-errur tal-awditjar fuq il-post tal-għotjiet b'ġestjoni diretta kienet 1,8 % u globalment, filwaqt li jitqies il-livell ta' riskju baxx għall-akkwisti, kienet inqas minn 1 %. Dan il-livell ta' errur huwa meqjus aċċettabbli għax huwa inqas mil-livell ta' materjalità ta' 2 %.

Il-bidliet proposti għall-Programm mhux se jaffettwaw il-mod kif qed jiġu ġestiti bħalissa l-approprjazzjonijiet. Is-sistema ta' kontroll eżistenti wriet li hi kapaċi tipprevjeni u/jew tidentifika l-erruri u/jew l-irregolaritajiet, u fil-każ tal-erruri jew tal-irregolaritajiet, li hi kapaċi tikkoreġihom. Għaldaqstant, ir-rati tal-erruri storiċi mistennija jibqgħu fl-istess livelli.

## 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.*

Fejn jidħlu l-attivitajiet tagħha b'ġestjoni diretta, indiretta u kondiviża, il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri xierqa biex tiżgura li jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, kontra l-korruzzjoni u kontra kull attività illegali oħra, b'verifiki effettivi u, jekk jiġu skoperti xi irregolaritajiet, bl-irkupru tal-ammonti mħallsa bi żball u, meta xieraq, b'penali effettivi, proporzjonali u deterrenti.

Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri għandu jkollhom is-setgħa tal-awditjar, abbażi ta' dokumenti u awditi fuq il-post, ta' kull benefiċjarju tal-għotjiet, kuntrattur u sottokuntrattur li jkunu rċevew il-fondi tal-Unjoni. L-OLAF għandu jkun awtorizzat iwettaq verifiki u spezzjonijiet fuq il-post tal-operaturi ekonomiċi kkonċernati direttament jew indirettament minn dan il-finanzjament.

Il-Kummissjoni timplimenta wkoll sensiela ta' miżuri bħal:

- id-deċiżjonijet, il-ftehimiet u l-kuntratti li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-Programm se jintitolaw espressament lill-Kummissjoni, inkluż l-OLAF, u lill-Qorti tal-Awdituri jwettqu awditi, verifiki fuq il-post u spezzjonijiet;

- waqt il-fażi tal-evalwazzjoni ta' sejħa għal proposti/offerti, l-applikanti u l-offerenti jiġu vverifikati skont il-kriterji tal-esklużjoni ppubblikati abbażi tad-dikjarazzjonijiet u tas-Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni (EDES);

- ir-regoli li jirregolaw l-eliġibbiltà tal-kostijiet se jiġu ssimplifikati f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju;

- jingħata taħriġ regolari dwar kwistjonijiet relatati ma' frodi u irregolaritajiet lill-persunal kollu involut fil-ġestjoni tal-kuntratti kif ukoll lill-awdituri u lill-kontrolluri li jivverifikaw id-dikjarazzjonijiet tal-benefiċjarji fuq il-post.

Id-DĠ EMPL iwettaq azzjonijiet fil-qafas tal-Istrateġija ta' Kontra l-Frodi tal-Kummissjoni (CAFS).

Fil-każ tal-ġestjoni diretta, il-Valutazzjoni tar-Riskju ta' Frodi (FRA) ġiet aġġornata fl-2019. Il-proċedura biex jingħataw għotjiet tinkludi bosta elementi li jikxfu l-frodi, bħall-użu mifrux tal-prinċipju ta' erba' għajnejn, biex tiġi verifikata l-korrettezza u t-trasparenza tal-proċeduri għall-għoti, permezz ta' proċeduri dettaljati li jevitaw il-kunflitti ta' interess, jivverifikaw jekk l-applikanti tniżżlux fil-lista s-sewda skont ir-Regolament Nru 1605/2002, jużaw għodod tal-IT bħal EDES u ARACHNE, u jkunu attenti għall-indikaturi ta' frodi ("il-bnadar ħomor").

Fil-każ tal-ġestjoni kondiviża tal-Fondi Strutturali, hemm l-Istrateġija Konġunta Kontra l-Frodi (JAFS) 2020-2015 aktar speċifika tad-DĠ Politika Reġjonali u Urbana, tad-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni u tad-DĠ Affarijiet Marittimi u Sajd. Għall-Fondi Strutturali hemm rekwiżit regolatorju speċifiku kontra

l-frodi għall-2020-2014 fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (l-Artikolu 125(4)c tas-CPR). Id-DĠ EMPL, bl-obbligi ta' kontroll u ta' awditjar jivverifika li l-Istati Membri jkunu stabbilixxew, u effettivament joperaw sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll li jiżguraw li l-fondi qed jintużaw b'mod effiċjenti u korrett ħalli jkunu żgurati l-legalità u r-regolarità tan-nefqa. L-Istati Membri huma obbligati jinnotifikaw il-problemi permezz tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (IMS). Id-DĠ EMPL isegwi l-azzjonijiet nazzjonali li jiġġieldu kontra l-frodi u, jekk ikun hemm bżonn, jissanzjona n-nuqqas ta' azzjoni permezz ta' Deċiżjonijiet ta' Korrezzjoni Finanzjarja b'rabta mal-appoġġ tal-FSE mogħti lill-programm konċernat, pereżempju fil-qafas ta' segwitu tar-rapporti u r-rakkomandazzjonijiet tal-OLAF. Barra minn hekk, id-DĠ EMPL jipprovdi gwida lill-awtoritajiet ta' ġestjoni, inkluż għodda ta' valutazzjoni tar-riskji għall-frodi. Id-DĠ EMPL iqassam b'mod attiv l-għodda ARACHNE għall-klassifika tar-riskji lill-Istati Membri.

Wara studju minn kuntrattur estern li ġie finalizzat f'nofs l-2018, il-JAFS se tiġi rieżaminata u l-kontribut tad-DĠ EMPL għall-CAFS se jiġi aġġornat.

Fl-aħħar nett, miżuri orizzontali bħat-taħriġ intern dwar l-għarfien fuq il-frodi ("il-bnadar ħomor") u l-prevenzjoni mill-frodi jkompli jorqmu l-miżuri li ħa d-DG EMPL.

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji ġodda tan-nefqa proposti

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Investiment fin-Nies, fil-Koeżjoni Soċjali u fil-Valuri | Diff./Mhux diff. | mill-pajjiżi tal-EFTA[16] | mill-pajjiżi kandidati[17] | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu [21(2)(b)] tar-Regolament Finanzjarju |
| 2 | 07 01 01 01 Nefqa ta' appoġġ għall-"Fond Soċjali Ewropew+ (FSE+) – ġestjoni kondiviża" | Mhux diff. | Le | Le | Le | Le |
| 2 | 07 01 01 02 – Nefqa ta' appoġġ għall-fergħa tal-"Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali" | Mhux diff. | Iva | Iva | Iva | Le |
| 2 | 07 02 01 – FSE+ Fergħa tal-Ġestjoni Kondiviża – Nefqa operazzjonali | Diff. | Le | Le | Le | Le |
| 2 | 07 02 02 – FSE+ Fergħa tal-Ġestjoni Kondiviża – Assistenza teknika operazzjonali | Diff. | Le | Le | Le | Le |
| 2 | 07 02 04 – FSE+ - Fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali | Diff. | Iva | Iva | Iva | Le |

[16] EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

[17] Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

## 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | **2** | Investiment fin-Nies, fil-Koeżjoni Soċjali u fil-Valuri |
|---|---|---|

| **TOTAL** | | | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** | ***Wara l-2027*** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 07 02 01 – FSE+ Fergħa tal-Ġestjoni Kondiviża – Nefqa operazzjonali | Impenji | (1) | **Koperti fil-Proposta għar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni COM(2018)375** | | | | | | | | |
| | Pagamenti | (2) | | | | | | | | | |
| 07 02 02 – FSE+ Fergħa tal-Ġestjoni Kondiviża – Assistenza teknika operazzjonali | Impenji | (1) | | | | | | | | | |
| | Pagamenti | (2) | | | | | | | | | |
| 07 01 01 01 Nefqa ta' appoġġ għall-"Fond Soċjali Ewropew+ (FSE+) – ġestjoni kondiviża" | Impenji = Pagamenti | (3) | | | | | | | | | |
| 07 02 04 – FSE+ - Fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali | Impenji | (1) | 99,944 | 101,993 | 104,083 | 106,214 | 108,389 | 110,606 | 112,271 | | **743,500** |
| | Pagamenti | (2) | 28,093 | 59,077 | 76,826 | 81,534 | 83,939 | 85,782 | 87,369 | 240,880 | **743,500** |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 07 01 01 02 – Nefqa ta' appoġġ għall-fergħa tal-"Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali"[18] | Impenji = Pagamenti | (3) | 2,500 | 2,500 | 2,500 | 2,500 | 2,500 | 2,500 | 2,500 | | **17,500** |
| **Total tal-approprjazzjonijiet għall-pakkett tal-Programm** | Impenji | =1+3 | 102,444 | 104,493 | 106,583 | 108,714 | 110,889 | 113,106 | 114,771 | 0,000 | **761,000** |
| | Pagamenti | =2+3 | 30,593 | 61,577 | 79,326 | 84,034 | 86,439 | 88,282 | 89,869 | 240,880 | **761,000** |

L-approprjazzjonijiet tal-parti tal-FSE+ b'ġestjoni kondiviża huma mogħtija fid-dettall fl-LFS tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (CPR) COM(2018)375

| | | |
|---|---|---|
| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 7 | "Nefqa amministrattiva" |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | |

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **TOTAL** | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** | ***Wara l-2027*** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|

[18] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi umani | | 91,207 | 91,207 | 91,207 | 91,207 | 91,207 | 91,207 | 91,207 | | **638,448** |
| Nefqa amministrattiva oħra | | 5,073 | 5,073 | 5,073 | 5,073 | 5,073 | 5,073 | 5,073 | | **35,514** |
| **Total tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | **96,280** | **96,280** | **96,280** | **96,280** | **96,280** | **96,280** | **96,280** | **96,280** | | **673,962** |

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** | ***Wara l-2027*** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Total tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 198,724 | 200,773 | 202,863 | 204,994 | 207,169 | 209,386 | 211,051 | | **1.434,963** |
| | Pagamenti | 126,873 | 157,857 | 175,606 | 180,314 | 182,719 | 184,562 | 186,149 | 240,880 | **1.434,963** |

### 3.2.2. *Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- ☑ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Snin | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|

Għar-riżorsi umani, iċ-ċifri ppreżentati hawn taħt huma bbażati fuq l-allokazzjoni mogħtija lid-DG EMPL fl-2018 (SEC(2017) 528), li minnha jitnaqqsu l-persunal allokat għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, soġġetta għal proposta separata COM(2018)380.

Għal nefqa amministrattiva oħra, hawn taħt qed jingħata l-pakkett globali kollu, inkluż in-nefqa relatata mal-FEG.

| **INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi umani | 91,207 | 91,207 | 91,207 | 91,207 | 91,207 | 91,207 | 91,207 | **638,448** |
| Nefqa amministrattiva oħra | 5,073 | 5,073 | 5,073 | 5,073 | 5,073 | 5,073 | 5,073 | **35,514** |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 96,280 | 96,280 | 96,280 | 96,280 | 96,280 | 96,280 | 96,280 | **673,962** |

| Snin | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|

**TOTAL**

| **Barra mill-INTESTATURA 7[19] of the multiannual financial framework** | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi umani | | | | | | | | |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | 2,500 | 2,500 | 2,500 | 2,500 | 2,500 | 2,500 | 2,500 | **17,500** |
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 2,500 | 2,500 | 2,500 | 2,500 | 2,500 | 2,500 | 2,500 | **17,500** |

[19] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL** | **98,780** | **98,780** | **98,780** | **98,780** | **98,780** | **98,780** | **98,780** | **691,460** |

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà huma assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà ġew assenjati mill-ġdid fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali tal-allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

L-approprjazzjonijiet tal-parti tal-FSE+ b'ġestjoni kondiviża huma mogħtija fid-dettall fl-LFS tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (CPR) COM(2018)375

3.2.2.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time*

| **Snin** | | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)** | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)** | | | | | | | | |
| Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni | | 599 | 599 | 599 | 599 | 599 | 599 | 599 |
| Delegazzjonijiet | | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Riċerka | | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **• Persunal estern (f'unità ta' Ekwivalenti Full-Time: FTE) – AC, AL, END, INT u JED** [20] Intestatura 7 | | | | | | | | |
| **DĠ EMPL** | | | | | | | | |
| Iffinanzjati mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali | - fil-Kwartieri Ġenerali | 71 | 71 | 71 | 71 | 71 | 71 | 71 |
| | - fid-Delegazzjonijiet | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |
| Iffinanzjati mill-pakkett tal-Programm [21] | - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | | | |
| | - fid-Delegazzjonijiet | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |
| Oħrajn (speċifika) | | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |
| **TOTAL tal-Persunal Estern (f'FTE)** | | **71** | **71** | **71** | **71** | **71** | **71** | **71** |
| **TOTAL KUMPLESSIV** | | **670** | **670** | **670** | **670** | **670** | **670** | **670** |

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie assenjat mill-ġdid fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali tal-allokazzjoni u fid-dawl tal-limiti baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u aġenti temporanji | Il-ġestjoni tal-programmi, il-finanzi u l-awditjar |
| Persunal estern | Il-ġestjoni tal-programmi, il-finanzi u l-awditjar |

[20] AC = Aġenti Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = Persunal tal-Aġenzija; JPD = Professjonisti Żgħażagħ fid-Delegazzjonijiet.

[21] Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

*3.2.3. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☑ ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Snin | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ŻEE/EFTA | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |
| Pajjiżi kandidati | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |
| Pajjiżi terzi | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. |

## 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ fuq ir-riżorsi proprji

– ☐ fuq dħul ieħor

jekk jogħġbok indika jekk id-dħul huwa assenjat għal-linji tan-nefqa☐

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[22] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 |
| L-Artikolu …………. | | | | | | | |

Għad-dħul assenjat, speċifika l-linji baġitarji tan-nefqa affettwati.

[…]

Kummenti oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

[…]

22 Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % tal-kostijiet tal-ġbir.